**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 13/18** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018 |
| **Ħin:** | 6:20 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier (Mis-6:40pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mit-7:40pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**

Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **13.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **13.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **13.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **13.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **13.05** | ***Items oħra* ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **13.06** | **Miżura 4.4;** |
| **13.07** | **Proġett taz-zuntier;** |
| **13.08** | ***Quarterly Financial Statement;*** |
| **13.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli** |
| **13.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **13.11** | **Mozzjonijiet u;** |
| **13.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**13. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li l-Viċi-Sindku ma setghatx tattendi għal laqgħa minħabba mpenji bl-*exchange* taż-żgħażagħ (email annessa) | |
| 13. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela A ma setghatx tattendi għal laqgħa minħabba xogħol (email annessa) | |

**13. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 2. 1 | | Proponent: Camilleri D<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 12/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 13. 2. 2 | 12.02.08 | Chircop | Għandha issir korrezzjoni biex il-kelma tiġi taqra toqob. | |
| 13. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**13. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13 2 5 | 12.02.06 | Hales: *Bus Shelters* | Hales informa lill-Kunsill li qed ikun hemm problema sabiex dan jiċċaqlaq minħabba nuqqas ta' riżorsi umani. Hales issuġerixxa li jiġi mqabbad is-Silvar Constructions Ltd sabiex dan jiġi mċaqlaq. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 2 | 6 | 12.02.07 | Agius: *Bring in Sites* | Agius staqsiet dwar il-bins. Qalet li reġgħu tpoġġew fejn iċ-Ċimiterju. Ser niċċekjaw dwar dan. | Sindku |
| 13 | 2 | 7 | 12.02.09 | Hales: *Pelican Lights* fi Triq Luqa Briffa | Hales qal li hu flimkien mal-Viċi-Sindku ltaqgħu mas-Sur Andrew Haig minn TM u s-soluzzjoni li tawna hija li jiġu iktar l-isfel minn fejn kienet iz-zebra crossing. Ser jerġa jsir evalwazzjoni u tittieħed deċizzjoni dwar dan. | Hales |
| 13 | 2 | 8 | 12.03.02 | Agius: Proġett Djar tal-Anzjani | Agius staqsiet kienx hemm xi żvilupp. Ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 13 | 2 | 9 | 12.08.08 | Camilleri D | Camilleri qalet li din l-attivita' saret b'suċċess fejn attendew residenti minn Dar Nazzareth u Dar Matthew 25. | Camilleri D |
| 13 | 2 | 10 | 12.08.09 | Chircop: Trofew Karlu Diacono | Chircop informa lill-Kunsill li s'issa ġew innominati Jordan Grech mill-Għaqda Mużikali Beland u Berenice Beverly Zammit miċ-Circolo Mużikali Sta. Katarina. Minn naħa tal-Għaqda Banda Żejtun għadha ma waslet l-ebda nomina s'issa. | Chircop |
| 13 | 2 | 11 | 12.08.10 | Chircop: Bolol | Chircop qal li t-tielet sett ta' bolol ġew maħruġa u mibjugħa kollha. | Chircop |
| 13 | 2 | 12 | 12.08.12 | Chircop: Kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied | Chircop qal li pparteċipaw -il fuq minn 10 u l-premijiet ser jingħataw waqt il-bibita li ser issir fit-18 ta' Diċembru. | Chircop |
| 12 | 2 | 13 | 12.08.15 | Chircop: Fiera tal-NGO | Chircop qal li l-grupp ŻOEY ħa sehem f'din il-fiera u kellhom tifħir mill-*Speaker* tal-kamra għall-inizjattiva' li ttieħdet fil-*Halloween* u ġie ippreżentat ic-cd Żejtun 5.37km. | Chircop |
| 12 | 2 | 14 | 12.08.19 | Agius: Boroż ħodor | Agius qalet li dawn ġew imqassma u ħafna nies qed jistaqsu dwar il-boroż għall-iskart organiku. Skont l-informazzjoni li għandna dawn mhux ser jitqassmu. | Agius |
| 12 | 2 | 15 | 12.08.20 | Agius: Injezzjonijiet tal-influwenza | Agius informat lill-Kunsill li dawn ingħataw pero kien hemm xi nies li bbukjaw u ma ġewx għat-tilqima. | Agius |
| 12 | 2 | 16 | 12.08.23 | Agius: Pantomima | Agius qalet li l-biljetti qed jinbiegħu b'mod mgħaġġel, filfatt is-Sibt huwa fully booked u baqa xi biljetti għas-serata tal-Ġimgħa. | Agius |
| 12 | 2 | 17 | | Camilleri D: Premju Soċjeta' Ġusta | Camilleri D infurmat lill-Kunsill li ġie innominat Frans Falzon li ħadem għal 19 -il sena mal-persuni b'diżabilita' pero dan ma klassifikax. | Camilleri D |

**13 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 1 | | Sindku: *Twinning* | Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hi u l-Viċi-Sindku kellhom laqgħa ma' Dr Karen Scicluna u Dr Anthony Licari Ambaxxatur Malti għal Slovakja sabiex jiġi kkunsidrat li jsir twinning mal-belt ta' Nitra. Is-Sindku qalet li l-ħsieb hu li ssir *Viti-Cultural School* biex isir tagħlim kif isir l-inbid. | Sindku / Viċi-Sindku |
| 13 | 3 | 2 | | Sindku: Fondi tat-tarmak | Is-Sindku qalet li ħadna €12,000 minn din l-iskema minn naħa tar-Reġjun Xlokk. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 3 | 3 | | Sindku: Pageant tal-passjoni | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mill-Kummissjoni Ġimgħa Ġimgħa l-Kbira tal-istess għaqda sabiex jintuża Ġnien San Girgor bħala post alternattiv sabiex issir din l-attivita' peress li l-proġett taz-zuntier jaf ma jkunx lest. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan. | Sindku |
| 13 | 3 | 4 | | Sindku: Triq l-Aħħar Ħbit (Taċ-Ċawsli) | Is-Sindku qalet li l-proġett wasal fil-final u għandha tkun lesta l-ewwel fażi sal-aħħar tas-sena. | Sindku |
| 13 | 3 | 5 | | Sindku: Latrini Pubbliċi fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li l-proġett miexi, qed jinqala l-madum u ser issir medda ġdida tad-drenaġġ sabiex tissolva l-problema. | Sindku |
| 13 | 3 | 6 | | Sindku: Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet l-perit qed ilesti l-pjanti sabiex jinbeda x-xogħol. Qed jiġu evalwati l-possibiltajiet jekk u kif l-aħjar issir il-bankina minħabba l-problema tal-għargħar. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 13 | 3 | 7 | 10 | Doreen Vella - Ħsarat fuq vettura | Ser nitolbu iktar dettalji kif ukoll rapport tal-pulizija dwar l-inċident. | Caruana |
| 13 | 3 | 8 | 11 | Jean Paul Camilleri - Ħsarat fuq vettura | Caruana ser ikun qed jagħmel kuntatt biex jiġu verifikati dawn il-ħsarat. | Caruana |
| 13 | 3 | 9 | 12 | TCTC: korsijiet EM Citizen | Dawn ser isiru f'Marzu maqsuma fuq 8 ġimgħat. | Camilleri C |
| 13 | 3 | 10 | 19 | Wirt iż-Żejtun: Plakka Storja | Wirt iż-Żejtun ser jibbenefikaw minn €16,000 għal dan il-proġett li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Ma kienx hemm qbil li dawn għandhom jinżebgħu lewn ħadrani. | Chircop |
| 13 | 3 | 11 | 17 | Glenn Paul Pace: Korsijiet al-kitarra | Ser niċċekjaw dwar kif ser isiru l-lezzjonijiet | Sindku |
| 13 | 3 | 12 | 18 | Attivita' Flimkien għall-Istrina | Għall-din l-attivita' ser tiġi l-President ta' Malta flimkien maż-żewġ għaqdiet tal-baned. Il-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa wkoll u ser ikun qed iħallas għas-sistema tas-*sound.* | Segretarju Eżekuttiv |

**13. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**13. 5.** **Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 5 | 1 | | Hales: Parti minn Triq San Girgor | Hales informa l-Kunsill li saritlu talba sabiex parti minn din it-triq issir one-way. Ser titqabbad persuna kwalifikata sabiex isir *traffic management* u naraw kif l-aħjar li ssir. | Hales |
| 13 | 5 | 2 | | Hales: Triq il-Minzel | Hales ippropona li għandu jingħata wiċċ ġdid lil din it-triq. | Sindku |
| 13 | 5 | 3 | | Hales: Arbli tad-dawl ġodda | Hales qal li ġie saret talba sabiex isiru arbli tad-dawl ġodda fi Sqaq Ħaż Żabbar Nru.3. | Hales |
| 13 | 5 | 4 | | Caruana: *Bollards* fi Triq A. Cachia Zammit | Caruana ssuġerixxa li għandha titressaq proposta quddiem TM sabiex isiru bollards tal-plastik fuq iż-żewġ naħat tat-triq fi Triq Alfredo Cachia Zammit k/m Triq Santa Katarina l-ipparkjar fil-kantuniera u qed jostakolaw il-viżżjoni tax-xufier tal-vetturi. | Hales |

**13. 6.** ***Miżura 4.4;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13 6 1 | | Sindku: Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku irrapurtat li marru jiffirmaw l-kuntratt sabiex ningħataw il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikazzjoni tal-PA skadit u rridu nerġgħu napplikaw mill-ġdid. l-approvazzjoni ta' TM waslet ukoll. Il-ħsieb huwa li jitwessaw partijiet mit-triq u jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**13. 7. Proġett taz-zuntier;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| ***13 7 1*** | | Sindku: Porġett taz-Zuntier | Is-Sindku qalet li l-proġett beda , bħalissa qed jitneħħa l-madum. Huwa stmat li x-xogħol jieħu madwar 22 ġimgħa u ser jiswa madwar €300,000 li ser jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali. | **Sindku** |

**13. 8. *Quarterly Financial Statement;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Segretarju: *Quarterly financial statements* | Is-Segretarju Eżekuttiv resaq għal approvazzjoni l-*Quarterly Financial Statements* għax xhur Lulju 2018 sa Settembru 2018 fejn ta spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ għat-tielet kwart tas-sena. | Segretarju Eżekuttiv |

**13. 9. Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Agius: *Weekend Break* | Agius infurmat lill-Kunsill li ser isir Weekend Break bejn il-Ħamis, 13 u l-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018. | Agius |

**13. 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | *Petty Cash* - Novembru 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €211.32 . | Segretarju Eżekuttiv |

**13 11 Mozzjonijiet u;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13 11 7 | | | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa f'din is-seduta. | |

**13 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar It-Tnejn, 14 ta' Jannar 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |